FONTANA

Minuti tar-raba` laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 21 ta` Ġunju 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

*Financial Statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2005

Il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2005.

*Management Letter* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2005

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja ta` din l-ittra lil kull membru tal-Kunsill. Is-Sindku għandu jwieġeb għall-punti mniżżla f`din l-ittra. Dwar il-punt nru. 4 ta` din l-ittra l-Kunsill qabel illi jibgħat ittra lill-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali fuq il-flus li għandu jieħu l-Kunsill ta` qabel ma beda l-*pooling agreement* fl-1 ta` Lulju 2002 flimkien ma` kopja lill-Awditur biex jingħalaq dan il-każ, dan peress li din il-problema qed tkun ripetuta sena wara sena.

Approvazzjoni tal-Minuti

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm | 12.00,0 |
| *Inspirations* | Lm | 25.00,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 62.32,0 |
| Michael Refalo | Lm | 17.70,0 |
| Xerri l-Bukkett *Restaurant* | Lm | 40.00,0 |
| *Sound & Vision* | Lm | 414.00,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 64.08,0 |
| *Chairperson* Kumitat tat-Tmexxija(*Day Centre*) | Lm | 89.30,0 |

| | |
|---|---|
| Jenise Grech | Lm 69.44,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 40.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| Victor Attard | Lm 123.81,0 |
| *Office Equipment* | Lm 45.00,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm 205.01,0 |
| *Dominic Department Stores* | Lm 20.49,0 |
| *Frank`s Garage Ltd.* | Lm 8.85,0 |
| *J.C.R. Ltd.* | Lm 97.55,0 |
| Francis Grima | Lm 80.65,0 |
| Michael Galea | Lm 15.00,0 |
| George Farrugia *(Ta` Dbieġi Jewellery)* | Lm 39.00,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm 11.05,0 |
| *Video-On-Line Limited* | Lm 23.60,0 |
| *Xerri`s Garden Centre & Nursery* | Lm 10.00,0 |
| Mark Bajada | Lm 175.00,0 |
| *Zebbug Petshop* | Lm 10.25,0 |
| Kollox Bil-Lira | Lm 20.00,0 |
| Joseph Mizzi | Lm 190.00,0 |
| Orkestra Nazzjonali | Lm 500.00,0 |
| Carmel Xerri | Lm 115.00,0 |
| *The Guard & Warden Service House Ltd.* | Lm 47.00,0 |
| *Commissioner of Police* | Lm 87.72,0 |
| Total | Lm3256.95,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 03/2005 ġiet approvata.

<u>Materji oħra</u>

Ġew ippreżentati l-*badges* tad-deheb bl-arma tal-Kunsill lill-Viċi-Sindku u lill-Kunsillier Lorry Apap bħala Kunsilliera ġodda fil-Kunsill.

Il-Kunsillier Lorry Apap informa lill-Kunsill illi l-Qorti rat ir-rikors u r-risposta tal-Kunsillier Anthony Cassar. Rat ukoll id-dokumenti esebiti semgħet lir-rappreżentant tal-intimat (Avukat tal-Kummissarju tal-Artijiet) jikkonferma bil-ġurament tiegħu li tassew hemm l-intenzjoni li r-rikorrent (Anthony) jiġi żgumbrat mill-fond indikat. Billi jirriżulta 'prima facie' li r-rikorrent jidher li għandu jeddijiet li jinħtieġu jiġu kkawtolati b`dawn il-proċeduri, u jekk ma tintlaqax din it-talba, l-preġudizzju tiegħu jkun irrimedjabbli. Tilqa' t-talba u tordna l-ħruġ ta` l-opportun mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimat salve dan jinżamm milli jagħmel il-ħwejjeġ indikati fir-rikors. Fl-opinjoni tal-Kunsillier Lorry Apap l-proġett ta` bini t`Uffiċċju tal-Kunsill fi Triq tal-Għajn falla.

Is-Sindku ppropona li tintalab laqgħa b`urġenza mas-Sur Albert Mamo, Kummissarju ta` l-Artijiet, dwar x`inhi s-sitwazzjoni fil-preżent tal-fondi 190 u 191 fi Triq tal-Għajn. Dan għar-raġuni li l-Kunsill ma hux infurmat uffiċċjalment dwar x`inhi s-sitwazzjoni, peress li l-

informazzjoni li għandu hi biss, dik li qed tissemma fil-laqgħa tal-Kunsill dwar il-fond nru. 190. Dwar il-fond l-ieħor li hu 191 fi Triq tal-Għajn m`aħna nfurmati b`xejn ħlief li tisma' diversi għajdut tan-nies, għalhekk importanti għall-Kunsill li jkun jaf jekk ħarġitx l-ordni ta` żgumbrament ta` dan ukoll. Il-Kunsillier Anthony Cassar astjena peress li għandu nteress. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap astjenew. Il-Kunsilliera Maria Schembri qablet li tintalab laqgħa mas-Sur Mamo. Għaldaqstant għandha tintalab laqgħa mas-Sur Mamo, kopja ta` din l-ittra għandha tintbagħat lill-Viċi-Prim Ministru Tonio Borg li hu responsabbli mill-Artijiet u l-Kunsilli Lokali u kopja lid-Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li attenda għall-Bord tal-M.E.P.A. f`Malta fejn ġie maħruġ il-permess għall-bini ta` l-Uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Lorry Apap ippreżenta pjanta ta` Triq Għajn Tuta fejn irid isir id-*double yellow line*. Il-pjanta ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. Il-Kunsillier Lorry Apap għandu javviċina lir-residenti in-kwistjoni sabiex jiffirmaw li jaċċettaw li jsir dan is-sinjal, peress li qed jitolbu huma stess. Wara dan għandu jintbagħat għall-approvazzjoni tal-A.D.T.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ser jintbagħat xi materjal dwar il-Fontana bl-*e-mail* lill-*Malta Social Club* fl-Awstralja fl-okkażżjoni ta` l-Imnarja *Show*. Ir-ritratti għandu jibgħathom is-Sur Savio Sacco li hu nkarigat mill- *Website*.

Il-Kunsillier Lorry Apap ippreżenta wkoll pjanta b`suġġerimenti dwar x`jista' jsir dwar it-traffiku fi Triq tal-Għajn bejn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq il-Qalb ta` Ġesu'. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Apap sabiex din il-pjanta jħalliha għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jikkummentaw fuqha.

Is-Sindku ssuġġerixxa li jintalab *double yellow line* quddiem Sqaq Bieb il-Għajn fi Triq tal-Għajn peress li qed ikun hemm karozzi pparkjati u jekk tinqala` emerġenza, kif fil-fatt kien hemm, ikun diffiċli biex wieħed jidħol. Il-Kunsill qabel illi jitlob permess lill-A.D.T. sabiex ikun jista` jsir dan is-sinjal.

Is-Sindku ppropona li jinbidlu x-xikel tal-bandli peress li huma fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Mark Bajada sabiex jirranġahom.

L-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) bagħtet korrispondenza dwar kooperazzjoni bejnha u l-Kunsill. Il-Kunsill jaqbel ma` din l-inizjattiva u qabel li jorganizza laqgħa ta` nformazzjoni u konsultazzjoni proprju dwar dan sabiex flimkien infasslu pjan ta` ħidma.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mistieden mill-Kappillan sabiex jattendi għall-ikla mal-Em. T. il-Kardinal Ignace Moussa I Daoud li saret f`*Palazzo Margherita* f`Sannat, fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari, kif ukoll għaċ-ċerimonja tat-tranżlazzjoni ta` lejlet il-festa.

Is-Sindku qal illi peress li ser toħroġ l-offerta mill-ġdid tal-*pooling* il-Kunsill irid jiddeċiedi x`ser jagħmel. L-offerta ser tibda mill-1 t`Ottubru 2005. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi tajjeb illi l-Uffiċċjal Awtorizzat tagħti spjegazzjoni ċara tas-sitwazzjoni. Il-Kunsill aċċetta din il-proposta u kkuntattja lis-Sinjura Zammit li nfurmat lill-Kunsill li hija lesta li tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jerġa' jiltaqa ma` l-Uffiċċjal Awtorizzat sabiex ikun jista` jiddeċiedi.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mar flimkien mas-Sur Brian Meilaq biex ittieħdu ritratti madwar il-Fontana għall- *Website* ġdida tal-Kunsill. Dwar l-informazzjoni fuq il-Fontana trid issir informazzjoni fil-qosor, peress li trid tkun ta` madwar paġna, għalhekk ma jistax jittieħdu *chapters* mill-ktejjeb dwar il-Fontana, peress li fil-kwotazzjoni tal-OS3 hija għal paġna waħda. Għaldaqstant Fr. Bezzina irid jagħmel dan fil-qosor.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li mar flimkien ma` l-Enġinier Renzo Curmi fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili dwar il-fanali li jridu jsiru skond mozzjoni li ġiet approvata u dwar bozza fi Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata, fejn l-Enġinier Renzo Curmi ssuġġerixxa li jsir *shifting* ta` waħda minnhom peress li diġa' hemm ħames lampi eżistenti. Il-Kunsill qabel.

Attenda wkoll għall-*Prize Day* li saret fl-Iskola Primarja tal-Vajrinġa.
Twettaq ukoll l-ilment tas-Sinjura Emanuela Micallef dwar qsari tal-ġebel fi Pjazza l-Għejjun. Inġabu wkoll xtieli li kien baqgħalna ningħataw min-*Nursery* tad-Dawwara. Is-Sinjura Micallef għandha ħsieb li ssaqqihom hi. Il-kumplament intużaw fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi.
Tqiegħed ukoll *railing* ġdid ħdejn it-*telephone box* ta` quddiem il-Knisja, kif ukoll twettaq l-ilment biex jitranġaw it-truf tar-*railing* fit-taraġ fil-bidu tat-telgħa `l isfel mill-Knisja. Dawn ix-xogħolijiet saru mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp.
Ġew ukoll irranġati l-*floodlight* ta` fuq il-Knisja u l-globu ta` fuq iz-zuntier, kif ukoll twaħħlu żewġ *bins*, wieħed ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u l-ieħor fi Pjazza l-Għejjun.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li mar ma` rappreżentant ta` 'Din l-Art Ħelwa' s-Sur Frank Borg dwar ir-restawr tal-Għajn il-Kbira u diversi niċeċ, kif ukoll ġiet diskussa l-possibilita' li terġa' ssir l-applikazzjoni biex tinbena replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Is-Sur Borg informa lis-Sindku li għandu jitħejja rapport minn 'Din l-Art Ħelwa'.
Is-Sindku qal illi saru wkoll it-toqob għall-armar tal-festa fi Triq l-Isptar San Ġiljan.
Attenda wkoll il-Bord tal-M.E.P.A. mal-Perit Scerri dwar il-każ ta` Pjazza l-Għejjun, li tħalla għas-sentenza u l-każ tal-bini tal-ħajt tas-sejjieħ fi Triq ix-Xlendi li ntalab differiment peress li l-Avukat Chris Said ma setax jattendi. Issa ser jinstema fit-28 ta` Settembru 2005.
Sar ukoll rapport lill-Pulizija dwar vandaliżmu li sar fuq globu ta` wieħed mill-fanali li hemm fi Triq John Gaspard Le Marchant.
Saret il-manutenzjoni tal-*Playing Field* u l-inħawi ta` madwar mis-Sur Mark Bajada, l-ilmenti tas-Sinjuri Nancy Custo' u Frances Vassallo.
Twettqu wkoll l-ilmenti dwar bankini ġodda tas-Sinjuri Geoffrey Mizzi fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma` Triq Mons. Mikiel Buttigieg u ta` Joe Attard fi Triq ta` Mulejja. Dawn saru mill-kuntrattur Joe Mizzi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-bankina li kienet talbet Ms. Dorianne Curmi fi Triq tal-Għajn saret mill-Gvern Ċentrali.
Twaħħlu wkoll żewġt iqsari ġodda fit-telgħa `l isfel mill-Knisja li kienu ġew vandaliżżati.
Saret ukoll il-ħarġa għal kulħadd f`Għawdex fejn żorna x-Xagħra, Ramla, Nadur u Qala fejn dawk li attendew ingħataw kafe` u *snack*, kif ukoll intlagħbet it-tombla f`'Xerri l-Bukkett *Restaurant*'.
Saret ukoll il-ħarġa għall-anzjani f`Malta fejn saret quddiesa fil-Knisja ta San Filep f`Ħaż-Żebbuġ fl-okkażżjoni tal-festa, żorna wkoll il-Belt Valletta, id-Domus Rumana fir-Rabat u l-Ġnien ta` Sant'Anton, Ħ`Attard.
Saret ukoll laqgħa mal-Kap ta` l-Iskola Primarja tal-Vajrinġa fejn attendew is-Sindku, l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sur George Cassar. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll is-Sindku tal-Belt Victoria. Is-suġġett kien l-għeluq ta` Triq Vajrinġa waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta` l-iskola. Il-Kunsill ta` Victoria assolutament ma jaqbilx li Triq Vajrinġa ma tingħalaqx. Il-Viċi-Sindku ppropona li almenu din issir bi prova. Din il-proposta ma ġietx aċċettata.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li fuq talba li saret b`urġenza mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp dwar toroq fil-Fontana li għandhom bżonn isiru mill-ġdid, hu pprepara lista ta` dawk it-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali peress li dawk li huma responsabbli minnhom il-Kunsill, huma lesti kollha. Il-priorita' li ngħatat huma l-ewwel Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq tal-Għajn `l isfel mill-Knisja sa Triq ix-Xlendi. Imbagħad Triq tal-Għajn minn Pjazza Tomba sa ħdejn il-Knisja.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew miżbugħa s-sinjali kollha tat-traffiku, kif ukoll saret il-manutenzjoni u żebgħa tal-għamara tat-triq li għandna fil-lokal.
Saret ukoll FestaTfal organiżżata flimkien mal-Parroċċa fejn is-Sindku ppreżenta r-rigali, kif ukoll is-Sindku u membri oħra tal-Kunsill attendew għall-Oratorju "Il-Qalb ta` Kristu", l-

Pontifikal tal-Festa u l-okkażżjoni tal-50 Sena mill-Ordinazzjoni ta` Mons. Luigi Vella. Is-Sindku attenda wkoll għat-Translazzjoni Pontifikali u għall-okkażżjoni tal-25 sena mill-Ordinazzjoni ta` Dun Manwel Cordina.
Saret ukoll il-preżentazzjoni tat-trofej mis-Sindku u l-Kunsillier Anthony Cassar fl-okkażżjoni tat-tberik taż-żwiemel ġimgħa qabel il-festa u tat-tiġrija tal-bhejjem nhar il-Festa li kienet ta` 24 korsa. Dwar din it-tiġrija s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm diffikulta' kbira biex jinħareġ il-permess mill-Kunsill tar-Rabat peress li saret fi Triq Santa Domenika.
Saret ukoll il-manutenzjoni tal-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Wied Siekel, kif ukoll it-tibjid tal-ħajt ta` taħt ir-*railing* 'l isfel mill-Knisja fi Triq tal-Għajn. Twaħħlet it-tabella u saret it-tiswija tal-katusi tad-drenaġġ kif approvat f`mozzjoni li għaddiet dan l-aħħar.
Fl-okkażżjoni tal-Festa s-Sindku ta` wkoll il-messaġġ tiegħu fuq ir-*Radio* R.T.K., kif ukoll għall-Awstralja b`kollegament mal-*S.B.S. Radio*.
Is-Sindku attenda wkoll laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali, fejn ġie deċiż li joħorġu diversi offerti dwar is-sistema ta` l-infurzar lokali. Attenda għall-laqgħa tas-Sindki Għawdxin fejn ġie diskuss il-ġbir ta` l-iskart f`Għawdex fejn sar qbil li l-Kunsilli joħorġu l-offerta flimkien għal Għawdex kollu. Il-Kunsill qabel. Dwar il-forum tal-Kunsilli Għawdxin il-Kunsill qabel li jistenna sabiex jara x`ser jagħmlu Kunsilli oħra.
Is-Sindku qal li hemm bżonn jinxtara pajp ta` l-ilma biex jissaqqa` l-*Playing Field*. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku qal li hu xieraq li l-Kunsill jinnomina l-President tal-Kunsill Skolastiku ta` l-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca Victoria kif għandu dritt jagħmel. Dan għar-raġuni li ilu ma jiġi nnominat xi ħadd mill-Fontana minn żmien it-tielet Kunsill Lokali, madwar erba' snin ilu. Il-Kunsill qabel illi jiġi nominat is-Sur George Cassar.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li ntbagħtu l-avviżi f`kull dar, dwar is-servizz tal-platt sħun, servizzi tal-*Bulky Refuse*, *Skips* u *Bring-in-Sites*, kif ukoll dwar il-ġbir ta` l-iskart.
Dwar is-sitwazzjoni tal-indafa fil-ġranet tal-festa, kienet waħda tajba ħafna u kien hemm il-kooperazzjoni ta` kulħadd.
Is-Sindku ppropona lill-Kunsill biex issir il-manutenzjoni tal-bankina ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, fil-proġett ta` Pjazza l-Għejjun minbarra fejn saret il-ħsara aktar minn sentejn ilu u hemm il-każ pendenti, kif ukoll tar-*retaining wall* u l-bankina tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsill qabel li jitlob stima lis-Sur Mark Bajada ta` dan ix-xogħol.
Ġiet ippreżentata *sample* ta` basket tad-drapp mingħand il-Kumpanija *WasteServ* għall-prezz ta` 25c. Fuq rikjesta tal-Viċi-Sindku sar qbil li tintalab kwotazzjoni biex issir l-arma tal-Fontana fuq naħa minnhom.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta` filgħaxija u ġiet aġġornata għall-kontinwazzjoni tagħha għal nhar l-Erbgħa, 22 ta` Ġunju 2005 fid-9.30 ta` filgħodu.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |